MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Numru. 50/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Anthony Tabone, bin Saviour u Mary neé Grima, imwieled fis-17 ta’ Gunju 1947 u residenti fil-fond numru 87, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 55447(G) li gie akkuzat talli nhar l-20 ta’ Novembru 2009

ghal habta ta' 08:30hrs u fil-jiem ta' qabel din id-data f'Ta' Bardan, limiti tal-Munxar, Ghawdex;

1. minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, ghamel b'awtorita' tieghu nnifsu lill-persuna ohra kif ukoll fixkel lil huh John Tabone minn Sannat, Ghawdex fil-pussess ta' hwejgu;

2. u aktar talli bi hsara lis-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' ta' John Tabone mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas banda ohra f'dan il-kodici;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat;**

Illi, mill-provi prodotti, filwaqt li t-tieni (2) imputazzjoni ma gietx ippruvata u ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat minnha, l-ewwel (1) imputazzjoni tirrizulta, u wara li l-Qorti rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal multa ta' mitt ewro (€100.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------